

Id-Dsatax-il Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Għerf 18, 6-9
Salm 32 (33), 1 u 12. 18-19. 20 u 22
Lhud 11, 1-2.8-19
Lq 12, 32-48

"Żommu ġenbejkom imħażżma u l-imsiebaħ tagħkom mixgħula; kunu bħal nies jistennew **lil sidhom lura mill-festa tat-tieġ, biex malli jiġi u jħabbat jiftħulu minnufih."**

Dan l-aħħar fuq it-televixin sar ikun hemm ħafna programmi ta' sopravivenza. Fihom ħafna drabi jaqbdu numru ta' persuni li jgħixu fl-ibliet u jeħduhom f'ambjent naturali biex jippruvaw jaraw kemm huma kapaċi jadattaw ruħhom. M'ilux kont qed nara wieħed minn dawn il-programmi li bagħat numru ta' personalitajiet famużi għal ġimgħa f'ġungla fin-nofsinhar tal-Amerka.

L-ewwel sfida li kellhom kienet li jiġbru numru ta' provvisti differenti li kien se jkollhom bżonn. Imma kellhom joqogħdu attenti x'jagħżlu. Dan għaliex kien hemm provvisti li kellhom bżonn u oħrajn li setgħu kienu żejda. Dlonk il-parteċipanti fetħu l-basktijiet tagħhom u bdew jiġbru dak li ħasbu li kellhom bżonn. Min qabad żewġ sapuniet, min sikkina kbira, min refa' ħabel twil u oħrajn ġabru xi fliexken ta' deodorant. F'kemm ilna ngħidu l-basktijiet kienu kollha mimlija u qabdu triqthom lejn fejn kellhom jagħmlu l-ewwel kamp tagħhom.

Wara erba' sigħat mixi mingħajr waqfien, li fihom kellhom saħansitra jaqsmu xmara żgħira bil-għawm, waslu fil-kamp u dlonk bdew jaħdmu. Imma hawn indunaw kemm kienu għamlu għażliet tajba jew le. Wieħed induna li meta kien qed jimla l-basket nesa l-kamp warajh u ieħor induna li fil-basket kellu tgħaffiġa sħiħa għax fix-xmara s-sapun kien dab u oħrajn indunaw li kienu ġarrew ħafna affarijiet żejda u nesew l-aktar affarijiet importanti. Imma fost dawn kollha kien hemm wieħed li qagħad attent x'se jġorr u dlonk ħareġ sikkina kbira biex qata' ftit zkuk u mbagħad żarrat il-kamp tiegħu u ta' sieħbu u kif għaqqadhom flimkien għamel wieħed kbir biżżejjed biex jistkennu kollha.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed jgħidilna biex inkunu ppreparati bħal dan il-vjaġġatur tal-aħħar. Għax kultant jiġrilna bħall-parteċipanti l-oħra, insibu post għal kollox fil-ġurnata tagħna barra għal dak li hu l-aktar bżonnjuż għalina u mbagħad jiġi l-mument tal-prova u ma nkunux lesti! Għalhekk ejjew fil-jiem li ġejjin naraw li fil-'basket tagħna' jkollna dak li hu neċessarju. Tajjeb li jkollna ħin ta' mistrieħ, imma anke ħin li ngħinu lil tad-dar. Nippruvaw naqraw ktieb tajjeb u fuq kollox importanti li kuljum ikollna ħin għal Alla. Ejjew naħdmu biex fi tmiem is-Sajf naraw li l-'basket tagħna' kien mimli affarijiet li servewna!

Agħti l-kulur



## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
MERĦLA, SALTNA, KARITÀ, TEŻOR, ĦALLIEL, KAMLA, FESTA, TIEĠ, QADDEJJA, GĦAQLI, DAR

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | N | B | H | R | IE | F | A | N |
| E | X | Ġ | GĦ | A | R | F | E | P | I |
| Q | A | U | M | T | X | O | S | K | M |
| A | L | T | E | Ż | O | R | T | A | I |
| D | K | A | R | I | T | À | A | M | U |
| D | A | R | Ħ | A | L | L | IE | L | F |
| E | S | A | L | T | N | A | Ħ | A | IE |
| J | GĦ | R | A | IE | M | U | T | X | L |
| J | I | Q | N | Ġ | O | Ż | M | A | I |
| A | L | R | Z | GĦ | A | Q | L | I | T |





## IX-XHIEDA TAL-QADDISIN

Inti għaliex tmur l-iskola? Forsi għax il-ġenituri tiegħek jibagħtuk? Jew biex tiltaqa' ma' sħabek? Għandek xi suġġett għal qalbek u l-hena tiegħek titgħallem affarijiet ġodda? It-tweġiba t-tajba għandha tkun li mmorru l-iskola biex nitgħallmu, jew aħjar, biex inkunu nafu l-verità. Ħadd ma jieħu gost ikun fl-iżball, jew inkella ma jkunx jafx x'inhu jiġri. Biex ma jiġrix dan hemm bżonn li nitgħallmu. Kull ħaġa ġdida li nitgħallmu tixbah lil biċċa żgħira minn jigsaw puzzle kbira u aktar ma nsibu biċċiet aktar nistgħu naraw l-istampa ċara. Imma qatt għaddielkom minn moħħkom li din ix-xewqa li nsibu l-verità kienet dik li wasslet lil tant nies biex isiru qaddisin? Eżempju ta' dan hija Edith Stein li ħafna jafuha bħala Santa Tereża tas-Salib. Twieldet f'familja Lhudija u kienet tifla tassew intelliġenti. Studjat fuq li studjat, u ħadd ma kien ilaħħaq mal-intelliġenza tagħha. Għall-ewwel qisu ħasbet li ma kellhiex bżonn aktar il-fidi għax kienet taf ħafna, imma mbagħad indunat li fil-fidi Nisranija setgħet issib verità aktar sħiħa. Mhux talli kkonvertiet, saħansitra ddeċidiet li ssir soru Tereżjana. Hemm sabet dik il-verità li tant kienet ilha tfittex.





Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama**

**fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION